# 1. Il-Għanja ta' Żgħożiti

"The Child is Father of the Man
And I could wish my days to be
Bound each to each by natural piety!"
Wordsworth: *"My heart leaps up"*

Il-Għanja ta' Żgħożiti
- bil-ferħ insiġtha jien, -
hi għanja lis-Sbuħija
Sultana tal-ħolqien.

Għanjieti ta' ward ħodon
li qtajt mill-gallerija
tax-xefaq mnejn il-Għodwa
tittawwal daħkanija.

Għanjieti hija kannestru
mimli bil-benna u l-lwien
ta' frott, ta' merħ, ta' weraq
li jsiru ma' kull żmien.

Il-Għanja tiegħi bomblu
bid-diwi jbaqbaq fih
ta' siġar, ta' għasafar,
ta' xita, mewġ u riħ.

Il-Għanja tiegħi tazza
mimlija min-nixxiegħa
tal-ferħ li ssaqqi u tkabbar
il-ħlejjaq fir-rebbiegħa.

Di' l-Għanja ta' Żgħożiti
- bil-ferħ insiġtha jien, -
jalla minn fommi tibqa'
iġġelben ma' kull żmien;

Jalla għanjieti l-oħra
li jiġu wara din
magħha jintrabtu rabta
bħal omm u wlied tajbin.